MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 14/2009

**Daham Al Hamed**

**vs**

**Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2009, il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord ra l-appell ta' l-appellant li jgib id-data tad-disgha u ghoxrin ta' Marzu 2009 dwar Ordni ta' Tnehhija tas-sebgha u ghoxrin ta' Marzu 2009 li fih gie dikjarat li l-appellant kien qieghed Malta minghajr permess mill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-Ispettur Edel Mary Camilleri fosthom l-Ordni tat-Tnehhija dok RO, kopja tal-passaport ta' l-appellant markata dok P sa P6, dikjarazzjoni ta' Maria sive Miriam Caruana ta' l-10 ta' Gunju 2008 markata Dok D u Dok EP u Dok EP1 computer printout ta' email li tikkonferma li mid-Dipartiment ta' l-Affarijiet Barranin qatt ma kienet harget *exempt person letter* favur l-appellant;

Sema' lill-iSpettur Edel Mary Camilleri ghall-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, kif ukoll lil Dr Alexia Farrugia Zrinzo ghall-appellant;

Ikkunsidra:

Mill-provi rrizulta li l-appellant gie Malta fid-disgha ta' Marzu 2008 u inghata viza ta' disghin gurnata kif jidher mid-Dok P4, kopja tal-pagni 8 u 9 tal-passaport ta' l-appellant. Hu kien izzewweg mara Maltija fid-9 ta' Jannar f’Damascus u dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fit-13 ta' Frar 2008. Mid-dikjarazzjoni ta' Maria sive Miriam Caruana ta' l-10 ta' Gunju 2008 markata dok D jirrizulta illi l-appellant kellu problemi biex jidhol Malta billi diga kien tkecca u ghalhekk billi kien mizzewweg lilha seta' jidhol Malta kif fil-fatt ghamel fid-9 ta' Marzu 2008. Mill-istess dikjarazzjoni jirrizulta li l-appellant ghamel biss erbgha ijiem jghix ma' martu u wara abbandunaha. Ma' martu kien joqghod Ta' Xbiex izda wara cioe f’Mejju 2008 mar jghix il-Hamrun f’Awwissu 08 mar jghix Hal Qormi u f’Novembru 08 rega' mar il-Hamrun. Meta gie mistoqsi mill-Bord biex jaghti l-indirizzi precizi l-appellant iddikjara illi t-toroq u n-numri tal-bibien ma jiftakarhomx;

L-appellant iddikjara fl-appell tieghu illi hu mizzewweg cittadina Maltija u ghalkemm ghandu fil-prezent xi diffikultajiet fi zwieg tieghu ma ttiehdu

ebda proceduri legali minn hadd in konnessjoni ma' dan iz-zwieg u ghalhekk jippretendi li ghandu dritt jibqa' jirrisjedi f'Malta. Hu ddikjara li huwa bniedem biezel u jahdem ghal gid tal-familja u ghandu xoghlijiet li diga nbdew u li dawn ma jistax ikompliehom minhabba l-Ordni tat-Tnehhija. Fl-istess rikors ta' l-appell saret talba biex l-appellant jinghata l-liberta provizorja fit-termini ta' l-artikolu 25A(6) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mit-trattazzjoni tad-difensuri rrizulta illi l-appellant ghalkemm kien mizzewweg ma' Maltija qatt ma nghatatlu l-*exempt person status.* Irrizulta li ghamel biss erbat ijiem jikkoabita ma' martu u din ikkonfermat mhux biss li abbandunaha permanentement izda li ma sar l-ebda tentattiv da parti ta' l-appellant biex issir rikonciljazzjoni bejniethom;

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-artikolu 4 (1) (g) tal-Kap 217 hawn taht riprodott jghid dwar persuni ezenti hekk:-

> ‘4(l) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' dan l-Att ma japplikawx ghal kull persuna - omissis -
>
> (g) li tkun il-konjugi ta' persuna msemmija f'wiehed mill-paragrafi ta' qabel dan u tkun ghada mizzewwga u tghix ma' dik il-persuna.’

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-appellant ghalkemm kien izzewweg cittadina Maltija mhux qed jikkoabita maghha, ghalhekk l-appellant ma jistax jigi kkunsidrat li jikkwalifika bhala *exempt person* skond l-artikolu citat, u dan apparti l-fatt ukoll li rrizulta li mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin qatt ma nbaghtet ittra lill-appellant li tikkonferma li huwa persuna ezenti skond il-ligi;

> Dwar it-talba tieghu ghal-liberta provisorja skond l-artikolu 25A(6) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta l-appellant ma gab assolutament ebda prova biex jiggustifika t-talba tieghu;
>
> Il-Bord ghalhekk in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qed jipprovdi dwar it-talba ta' l-appellant ghall-helsien mill-arrest billi jichadha, u inoltre jichad l-appell u jikkonferma l-Ordni ta' Tnehhija tas-sebgha u ghoxrin ta' Marzu 2009.**”**

Ir-rikorrenti pprezenta appell kontra d-decizjoni tal-Bord adit bl-aggravji f’dawn it-termini:-

(1) Il-Bord ibbaza l-gudizzju tieghu fuq allegazzjonijiet u xhieda “*detto del detto*” bi ksur ta’ l-osservanza tal-procedura stabbilita;

(2) Huwa ma kellux jibqa’ mcahhad mil-liberta` tieghu u ma jinghatax l-opportunita` li jsalva z-zwieg tieghu;

(3) Bl-ordni ta’ tnehhija huwa qed jigi wkoll imcahhad milli jkollu access ghad-drittijiet gudizzjarji u dak tal-medjazzjoni li toffri l-Ligi Maltija;

(4) L-ordni ta’ tnehhija tilledilu d-dritt ghall-hajja tal-familja u dan ghal raguni illi b’dik l-ordni qed jigi mcahhad milli jistabilixxi l-hajja konjugali;

(5) Il-fatt li kien qed jghix separatament minn martu ma kellux iwassal awtomatikament biex jigi mnehhi minn Malta. Ir-ragonament tal-Bord li hu ma huwiex “*exempt person*” ghax mifrud minn martu hu zbaljat;

Kontra dan l-appell l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jissottometti t-twegiba tieghu kif gej:-

(1) La r-rikors ta’ l-appell ma giex notifikat lill-Avukat Generali jgib skond l-Artiklu 181B (3) tal-Kapitolu 12 illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

(2) Is-sentenza tal-Bord ma hijiex appellabbli fil-kaz ta’ l-appellanti ghaliex il-ligi takkorda appell dwar punt ta’ dritt eskluzivament fil-kaz biss ta’ decizjonijiet li jaffettwaw persuni msemmija fil-Parti III ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni u mhux ukoll dwar decizjonijiet koncernanti ordni ta’ tnehhija ta’ persuna fit-termini ta’ l-Artikolu 5 taht Parti IV ta’ l-istess Att;

(3) Fil-kaz ta’ l-ewwel aggravju ma twettqet ebda irregolarita fil-proceduri ghaliex l-ufficjal tal-Pulizija xehed dwar investigazzjonijiet kondotti;

(4) Il-presenza ta’ l-appellant hi irregolari ghaliex m’ghandux permess jibqa’ hawn Malta. Dippju, kuntrarjament ghal dak asserit, ma kien hemm ebda dewmien fil-proceduri;

(5) L-ebda dritt fondamentali ma gie lez lill-appellanti u dan peress li ghad ghandu kull possibilita` li jitlob lill-Qorti kompetenti tipprovdi ghal medjazzjoni;

(6) Mill-mod kif gie ikkuntrattat iz-zwieg ta’ l-appellanti jezistu cirkostanzi indizzjarji li dak iz-zwieg kien wiehed sempliciment ta’ konvenjenza u dan juri li ma hemmx l-ezistenza ta’ familja flimkien;

(7) Sabiex persuna tkun ezenti a tenur ta’ l-Artikolu 4 (1) (g) tal-Kapitolu 217 hi trid tkun mizzewga lil cittadin Malti u tkun ghadha toqghod mieghu jew maghha;

Premessi s-suesposti aggravji u t-twegiba dettaljata ghalihom huwa fl-ordni logiku li l-Qorti ghandha fl-ewwel lok tikkonsidra l-ewwel zewg pregudizzjalijiet imqanqla mill-appellat;

Fil-kaz tal-pregudizzjali sottomessa fil-parametri ta’ l-Artikolu 181B (3) hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi skop ta’ dan il-provvediment hu dak li jkun assikurat illi l-Gvern, kif rapprezentat mill-kap tad-dipartiment li jkun, iwiegeb ghall-att gudizzjarju. Fil-kaz prezenti din it-twegiba ghall-appell saret u allura l-Qorti ma tarax l-utilita` illi l-att jigi notifikat lill-Avukat Generali ghall-fini tad-dekorriment tar-risposta. Barra minn dan, jidher li dak l-istess provvediment, bir-referenza espressa li jaghmel ghall-kap tad-dipartiment, li jkun <u>konvenut</u> jew <u>intimat</u>, hu mahsub biex jovvja ghal

qaghda fejn l-att gudizzjarju jkun wiehed konness ma' proceduri fil-prim' istanza, u mhux ukoll ma' atti fl-istanza ta' appell. Hemm raguni ghal dan. Mentri fl-ewwel grad l-prezentata tar-risposta ghall-att promotur tal-gudizzju hi kollegata ma' terminu u li hu fatali, mhux l-istess haga fil-kaz ta' twegiba ghall-att introduttiv ta' appell billi hawn il-ligi ma tiffissa ebda terminu perentorju. Taht dan il-profil il-pregudizzjali sottoposta ma tistax tircievi akkoljiment;

B'introduzzjoni ghat-tieni pregudizzjali koncernanti l-inammissibilita` ta' l-appell, jibda biex jigi osservat illi fl-ordinament guridiku-processwali taghna hi in generali ammessa l-impunjattiva bil-mezz ta' l-appell ta' sentenzi pronuncjati minn qorti jew minn tribunali ta' l-ewwel istanza, jew ukoll minn bordijiet specjali. Jezistu pero` ligijiet fejn id-dritt ta' appell, jew hu wiehed ristrett, jew, addirittura, eskluz. Hekk, apparentement, jidher li s-sentenza *de qua* tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni, u li minnha gie introdott l-appell odjern, ma tirrientrax fil-kategorija ta' dawk is-sentenzi ghal liema hu koncess dritt ta' appell skond l-Att;

Il-kontroversja quddiem il-Bord kienet tirrigwarda l-hrug ta' Removal Order kontra l-appellanti ghar-raguni li dan kien jinsab Malta minghajr il-permess tal-Principal Immigration Officer. L-appellanti deherlu li dik l-ordni ta' tnehhija kellha titwarrab u hu jinghata l-liberta provvizorja principalment ghaliex kien mizzewweg lil cittadina Maltija. Huwa ghalhekk adixxa lill-Bord li, pero`, cahadlu t-talba tieghu bil-motivazzjoni illi l-appellant, ghakemm mizzewweg cittadina Maltija, ma kienx jikkoabita` flimkien maghha u, konsegwentement, sew ghal din ir-raguni, sew ghall-fatt li hu qatt ma nghata mill-Ministeru responsabbli certifikat li juri li huwa persuna ezenti skond il-ligi, ma setax jikkwalifika bhala "*exempt person*" skond l-Artikolu 4 (1) (g) ta' l-Att. Ta' min jirrileva illi dan l-istess Artikolu 4 hu annoverat taht Taqsima II tal-Kapitolu 217;

Dan premess, hu provvdut mill-Artikolu 25A (8) tal-Kapitolu imsemmi illi “d-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali hlief ghar-rigward ta’ punti ta’ dritt decizi mill-Bord rigward decizjonijiet li jkunu jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista’ jkun hemm appell fi zmien ghaxart ijiem quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri).” Incidentalment, it-Taqsima III, intitolata “Disposizzjonijiet Specjali”, tikkoncerna, skond l-Artikolu 4A, id-drittijiet ta’ cittadini ta’ Stat Membru in konsegwenza u ghat-tharis tat-Trattat jew ta’ kull Ftehim dwar Fruntieri. Distintement, l-appellant, li huwa ta’ nazzjonalita` Sirjana, ma jaqax f’din il-klassifika tal-persuni ghal liema jirreferi l-Artikolu 4A fit-Taqsima III;

Affermat dan, gjaladarba d-determinazzjoni tal-mezz ta’ l-appell ammissibbli kontra d-decizjoni tigi effettwata fuq il-bazi tal-kwalifika tar-rapport kontrovers kif deciz mill-Bord, *ex-lege*, din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni biex tokkupa ruhha mill-kontestazzjoni da parti ta’ l-appellant tas-soluzzjoni formulata mill-Bord fuq il-kwestjoni. U dan, la mill-punto di vista ta’ l-ilment tan-nuqqas ta’ osservanza tan-normi processwali u lanqas mid-doljanzi l-ohra tieghu fil-mertu. Jekk in-nuqqas ta’ previzjoni mil-ligi tad-dritt ta’ appell fil-kaz ta’ l-appellanti huwiex kostituzzjonalment illegittimu jew le, mhux ghal din il-Qorti li tinvesti dan il-punt. Din il-Qorti trid b’dover tapplika l-ligi kif issibha statwita, anke jekk ma jistax jonqos li tirravviza li jezistu, anke fil-ligijiet taghna, mezzi ohra ta’ impunjattiva tad-decizjonijiet tal-Bord ghal liema s-sokkombenti jista’ jirrikorri jew jesperixxi. Jibqa’ l-fatt li fil-kaz prezenti l-Qorti m’ghandhiex xelta ohra hlief li tilqa’ l-pregudizzjali ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell.

Ghal motivi predetti il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell sottomessa mill-appellat u, ghaldaqstant, tiddikjara l-appell irritu u null. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------